MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 233/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. D. Theuma)**
**Vs**
**George Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn l-ahhar xhur, fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, bena dar li ghandu jkollha warajha bitha ghaliha biss u dik il-bitha ghandu jkollha t-tul kollu tal-hajt ta’ dik id-dar u l-wisa’ ta’ mhux anqas minn tlitt metri jew ta’ nofs l-gholi tad-dar, meta dik id-dar tkun oghla minn sitt metri f’din il-bitha jista’ jinbena loki wiehed jew izjed, wiehed fuq l-iehor izda f’dan il-kaz il-wicc tal-bitha ghandu jikber skond il-wisa’ li jigi hekk mehud.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Lulju, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 97(n)(i) u l-artikolu 103 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet

ta’ Malta, ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu stante li mill-provi rrizulta li huwa kien inkariga kemm bennej kif ukoll arkitett sabiex jiehdu hsieb u jesegwixxu x-xogholijiet u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 t’Awissu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, Avukat Generali, fil-qosor, hu s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti qalet li ladarba gie inkarigat perit u bennej, l-akkuzat ma kienx responsabbli. Perit u bennej ikunu qed jagixxu ghan-nom tal-proprjetarju li jibqa' dejjem responsabbli. Jekk bini mhux skond il-ligi, dejjem hu l-proprjetarju responsabbli w dan ma jistax jigi ezonerat mir-responsabbilta' ghax il-MEPA tkun harget il-permess li mhux skond il-ligi. Ghalhekk kellha tinstab htija w l-ewwel Qorti kellha tordna li x-xoghol li sar isir skond il-ligi ghax inkella l-illegalita' tibqa' tissussisti.

Semghet ix-xhieda tal-perit Valerio Schembri, espert nominat mill-ewwel Qorti, li kkonferma r-relazzjoni tieghu bazata fuq ix-xhieda li hu sema' bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda mismugha mill-espert Perit Schembri, li jinsabu traskritti, jirrizulta li l-appellant kien ottena permess mill-MEPA biex jibni *"showroom"* w ufficini bil-*"overlying basement car park"* b' permess numru PA 3905/99, "saving third party rights". Mill-pjanti approvati kif ukoll minn dak li rriskontra l-espert tal-Qorti *in situ* rrizulta li l-*average* ta' bitha ta' hames piedi nqabez u hemm

medja ta' cirka ghaxar piedi (3 metri). Pero' l-kwerelant Joseph Grech jissottometti li ladarba l-bini ghandu gholi ta' cirka erbatax il-metru, kif del resto gie konstatat waqt l-access peritali, allura l-bitha kellha tkun akbar milli hi fil-fatt u cioe' kellha tkun ta' nofs l-gholi tal-bini. Rrizulta li ma kien hemm ebda ftehim bejn Grech u l-imputat biex din ir-restrizzjoni tigi mwarrba. Irrizulta wkoll li l-appellat kien inkariga lill-Perit Arkitett Samwel Formosa tad-ditta tal-periti Cachia & Formosa kif ukoll bennej, li ghalkemm mhux identifikat b' ismu fl-atti processwali, hu ovvju li kien jezisti biex imbniet kostruzzjoni bhal dik in ezami, li zgur li ma bniehiex b' idejh l-appellat.

L-espert tekniku kien ikkonkluda *"inter alia"* li ghalkemm il-bini tal-imputat kien in konformita' mal-permessi tal-MEPA, xorta kien imur kontra l-artikolu 97 (n) (i) tal-Code of  Police Laws (Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm fil-komparixxi, l-appellat kien gie akkuzat li bena **"dar"**, il-bini li attwalment gie kostruwit xorta jaqa' taht id-definizzjoni ta' *"dar"* u cioe': *" kull dar hekk maghrufa u tinkludi mezzanin, kamra, mahzen jew bini iehor li l-bicca l-kbira tieghu hija tal-gebel jew ta' materjal iehor uzat ghall-bini."* (art. 2 tal-Kap.10).

Illi umbaghad l-artikolu 97 (1)(n)(i) tal-istess Kapitolu jiddisponi li :-

*"kull dar ghandu jkollha warajha bitha ghaliha biss; u dik il-bitha ghandu jkollha t-tul kollu tal-hajt ta' dik id-dar, u l-wisa' ta' mhux anqas minn tlitt metri, jew ta' nofs l-gholi tad-dar, meta dik id-dar tkun oghla minn sitt metri* ..." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi ghalhekk f' dan il-kaz ma hemm ebda dubju li l-kostruzzjoni intrapriza mill-appellat tikser din id-dispozizzjoni tal-ligi.

L-Ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellat ghax, kif qalet testwalment : *"stante li mill-provi rrizulta li huwa kien*

*inkariga kemm bennej kif ukoll arkitett sabiex jiehdu hsieb u jesegwixxu x-xogholijiet".*

Issa ghalkemm l-artikolu 97 (1) tal-Kap.10 jghid espressament li:-

*"Fil-bini ta' kull dar jew ta' bicca minn dar, is-sid kif ukoll il-bennej u l-arkitett li jkunu mqabbdin mix-xoghol, ghandhom, kemm il-darba r-regolamenti msemmijin fl-artikolu 102 ma jkunux jiddisponu xort'ohra, iharsu r-regoli li hemm fil-paragrafi li gejjin*"(li jinkludu l-paragrafu (n) (i) fuq citat).

b' dana kollu l-artikolu 103 tal-Kap. 9 jiddisponi li:-

*"Is-sid huwa responsabbli ghal kull kontravvenzjoni tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 97 u 100 jew tar-regolamenti maghmulin bis-sahha ta' l-ahhar artikolu qabel dan,* ***kemm il-darba ma jkunx hemm imqabbad arkitett jew bennej ghat-tmexxija tax-xoghol, u l-kontravvenzjoni ma tkunx saret, b' fatt tas-sid f' liema kaz huwa responsabbli l-arkitett jew il-bennej, jew it-tnejn, skond ma jkun il-kaz."*** (emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti.)

Ikkonsidrat;

Illi ma hemmx dubju li f' dan il-kaz kienu gew inkarigati kemm perit arkitett li kien ghamel il-pjanti, applika ghall-permessi relattivi tal-MEPA w ottjenihom, b' xi modifiki zghar, kif ukoll necessarjament bennej li esegwixxa x-xogholijiet ta' kostruzzjoni, u allura kif inhi din l-ahhar dispozizzjoni tal-ligi appena citata, jidher li s-sid ikun ezenti mir-responsabbilta' kriminali ghall-ksur ta' xi dispozizzjoni tal-artikolu 97 tal-Kap. 10 u li din tkun testendi biss ghall-perit arkitett jew ghall-bennej jew it-tnejn flimkien. Lanqas ma jirrizulta li l-kontravvenzjoni inkriminata kienet jew hi attribwibbli ghal **"xi fatt tas-sid",** ghax il-pjanti w d-disinji normalment jaghmluhom il-periti w l-bennej jesegwixxi x-xogholijiet skond dawk il-pjanti. Konsegwentement l-Ewwel Qorti ma kienetx legalment

skorretta meta mmotivat il-liberazzjoni tal-appellat kif fuq intqal.

Jibqa' biex jigi osservat pero' li hu ferm stramb kif din l-azzjoni kriminali ma ttiehditx kontra min bil-ligi huwa espressament ritenut responsabbli w cioe' l-Arkitett u l-bennej, imma ttiehdet biss kontra s-sid, kontra dak li espressament jghid l-artikolu 103 tal-Kap. 10 fuq citat, artikolu li apparentement sfugga wkoll lill-Avukat Generali meta intavola dan l-appell.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------